MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**LAWRENCE MINTOFF**

**Seduta tas-16 ta' Diċembru 2015**

**Rikors Maħluf Numru: 309/15 LM**

**Wara l-atti tal-Ittra Uffiċjali Nru 133/12 fl-ismijiet:-**

**Joseph Seychell**

**vs**

**Carmel u Carmen konjuġi Mangion**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **Joseph Seychell** (minn issa 'il quddiem "ir-rikorrent") ippreżentat fit-30 ta' Marzu, 2015 fejn ikkonferma bil-ġurament u għar-raġunijiet imfissra talab li din il-Qorti:

*Illi permezz tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi, li saret biex tirrendi żewġ kambjali eżekuttivi u dan a termini tal-Art. 253(e) tal-Kap 12 ("Dok A"), l-esponent ottjena titolu eżekuttiv għas-somma ta' €82,500 fil-konfront tal-intimati, liema debitu huwa rikonoxxut minn kambjali;*

*Illi l-ittra uffiċjali ġiet notifikata lill-intimati fl-24 ta' Jannar, 2012 u ma ġie ntavolat l-ebda rikors kif jipprovdi l-proviso għall-Art. 253(e) tal-Kap 12;*

*Illi sal-lum iddekorra imgħax fuq tali somma u dan mid-data tal-iskadenza tal-imsemmija kambjali sas-27 ta' Marzu, 2015, u ċjoè fuq l-ewwel kambjala ta' €58,000 l-imgħax jammonta għal €20,581.26, u fir-rigward tat-tieni kambjala għas-somma ta' €24,500 l-imgħax jammonta għal €8,033.32 u għalhekk l-ammont totali ta' mgħax jammonta għal €28,614.58;*

*Illi skont taxxa uffiċjali ta' drittijiet u spejjeż rilaxxjata mir-Reġistratur (Dok B) l-ispejjeż jammontaw għal €755.24 oltre €132.61 VAT li flimkien jagħmlu €887.85;*

*Illi minn dan kollu minkejja diversi interpellazzjonijiet li sarulhom, sal-lum l-intimati baqgħu ma ħallsu xejn u kwindi l-ammont dovut lill-esponenti sal-lum jammonta għal €112,002.43;*

*Illi skont id-dispożizzjonijiet tal-Art. 258(ċ) Kap 12 l-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv bħal dak li ottjena l-esponenti, wara l-għeluq ta' tliet snin minn dakinhar li fih skont il-liġi seta' jiġi eżegwit tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti;*

*Illi l-esponenti għandu interess li jkompli bl-eżekuzzjoni tal-imsemmi titolu eżekuttiv;*

> *Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent jitlob bir-rispett illi fit-termini tal-Art. 258 tal-Kap. 12, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizza l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv li l-esponenti ottjena fil-konfront tal-intimati in virtù tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet fuq premessi numru 133/12 u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat li l-intimati **Carmel u Carmen konjuġi Mangion** (minn issa imsejħin "l-intimati) dehru fis-seduta tat-23 t'Ottubru 2015 u taw ruħhom b'notifikati bl-avviż tas-smigħ.

Rat li l-istess intimati ma ppreżentaw l-ebda risposta għar-rikors tal-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawża inklużi d-dokumenti esebiti mir-rikorrent;

Semgħet ix-xhieda tar-rikorrent Joseph Seychell (a fol. 26 u 27 tal-proċess) li kkonferma bil-ġurament illi mid-data tal-preżentata tar-Rikors, l-intimati baqgħu ma ħallsu xejn mill-ammont dovut lir-rikorrent.

Rat li fis-seduta tat-30 ta' Novembru, 2015 ir-rikors tħalla għal-lum għall-provvediment.

**Ikkunsidrat**:

Ir-rikorrenti qiegħed jitlob permezz ta' din il-proċedura ai termini tal-Artikolu

258(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li żewġ kambjali (a fol. 5 u 6 tal-proċess) li kienu saru titoli eżekuttivi ai termini tal-imsemmi Artikolu 253(e) tal-Kap. 12, jerġgħu jsiru eżegwibbli bħala titolu eżekuttiv minħabba li għaddew aktar minn tliet snin mindu setgħu jiġu eżegwiti.

L-artikolu tal-liġi li abbażi tiegħu qiegħda ssir din il-proċedura, ċjoè l-Artikolu 258 tal-Kap. 12 jirregola l-kwistjoni fejn il-liġi tagħti l-fakoltà lil min ikollu titolu eżekuttiv li jgħaddilu t-terminu ta' żmien li fih setgħet issir l-eżekuzzjoni tiegħu, li tali titolu jista' jiġi ravvivat b'din il-proċedura.[1]

Illi l-liġi tqis bħala titolu eżekuttiv, fost l-oħrajn, kambjali u *promissory notes* maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 13).

Biex kambjali jew *promissory notes* skont il-Kodiċi tal-Kummerċ ikollhom effett eżekuttiv, il-liġi trid li ma jkun ġie intavolat l-ebda rikors mill-persuna li topponi l-eżekuzzjoni kif jipprovdi l-proviso għall-Art. 253(e) tal-Kap 12. Minn dak il-ħin 'l hemm, it-titolu jkun jista' jkun eżegwit bil-ħruġ tal-atti eżekutivi maħsuba fil-liġi bla ma jeħtieġ proċeduri oħrajn jew xi sentenza li tikkonferma li dawk il-kambjali jew *promissory notes* saru eżegwibbli.

Ir-rikors li jsir abbażi tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 m'għandux l-iskop li jrendi t-titolu eżekuttiv eżegwibbli u għalhekk mhux applikabbli f'dan il-każ l-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12, iżda għandu biss l-iskop li l-Qorti tawtorizza li t-titolu

[1] Ara s-sentenza fl-ismijiet **HSBC Malta plc vs. Charmaine Saliba**, deċiża fis-27 ta' Settembru 2012 PA (JRM).

eżekuttiv li għadda minn fuqu ż-żmien stipulat mil-liġi skont l-Artikolu 258 tal-Kap. 12, jiġi rriavvivat biex il-kreditur ikun f'pożizzjoni li jirrendih eżegwibbli mill-ġdid.

Billi jidher li għaddew aktar minn tliet snin minn meta setgħu jiġu eżegwiti il-kambjali inkwistjoni, il-kreditur kellu jiftaħ din il-proċedura li għandha biss l-iskop li tirriavviva t-titolu eżekuttiv u konsegwentement l-eżegwibbiltà tiegħu skont l-Artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12.

Illi dan il-proċediment ai termini tal-Artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ċertament li mhuwiex intiż biex issir komputazzjoni u kanonizzazzjoni mill-ġdid tal-bilanċ tal-kreditu dovut lir-rikorrenti.

Din il-proċedura sommarja ta' verifika għandha biss l-għan li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex it-titolu eżekuttiv ikun jista' jerġa' jsir eżegwibbli wara li jkun għadda t-terminu ta' żmien stabbilit mil-liġi ta' tlett snin u jkun ġie verifikat li għad hemm ħlas dovut, ċjoè li l-obbligazzjoni tal-ħlas għadha teżisti u li għalhekk ikun għadu jeżisti t-titolu eżekuttiv favur il-kreditur.

Illi kif ġie spjegat fis-sentenza deċiża fit-12 ta' April, 2012 fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs Refco Co Ltd u Paul u Marika miżżewġin Ciantar:**

> "Irrispettivament x'inhu l-ammont li għadu dovut mill-intimati, f'dan it-tip ta' proċediment mhuwiex il-kompitu tal-qorti li toqgħod tagħmel konteġġi u tikkundanna lill-intimati jħallsu xi ammont. L-eżerċizzju li jrid isir hu pjuttost wieħed

ta' verifika li għad hemm ħlas dovut, ċjoè li l-obbligazzjoni tal-ħlas għadha teżisti u li għalhekk ikun għadu jeżisti t-titolu eżekuttiv favur il-kreditur. Ovvjament l-eżekuzzjoni għandha ssir biss fuq il-bilanċ li għadu dovut mill-intimati".

**Decide**

**Din il-Qorti tinsab sodisfatta li t-talba tar-rikorrent hija mistħoqqa u skont il-liġi.**

**Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tar-rikorrent kif dedotta fir-Rikors u qiegħda fit-termini tal-Art. 258 tal-Kap 12, tawtorizza l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv li r-rikorrent kien ottjena fil-konfront tal-intimati in virtù tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi numru 113/12, għall-bilanċ li għadu dovut mill-intimati.**

**Bl-ispejjeż a karigu tal-intimati.**

Moqrija

-------------------TMIEM---------------------